18 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Pace

## "Water Closet" — Awtorità Sanitarja — Tolleranza — Preskrizzjoni — Reat Kontinwat — G.N. No. 344/1924 u 110/1934

*Il-liġi tippreskrivi li ebda "water closet" ma għandu jkun in kommunikazzjoni diretta ma' kamra, jew kċina, iżda għandu jkun separat mill-kamra, jew kċina, b'ambjent suffiċjentement ventilat.*

*Dan jfisser li bejn il-kamra tal-"water closet", avvolja din tkun debitament ventilata, għandu jkun hemm ambjent ieħor separat biex jifred il-kamra tal-"water closet" mill-"living room".*

*Jekk ikun jeżisti minn żmien twil stat ta' fatt li ma jottemperax mal-liġi, ma tistax tiġi invokata t-tolleranza tal-Awtorità Sani-*

*tarja. Biex dak l-istat ta' fatt irregolari jkun jista' jiġi mantenut, jeħtieġ li jiġi pruvat li kien hemm xi permess speċjali tal-Awtorità Sanitarja li l-"water closet" ma jkunx regolari — apparti li l-Awtorità Sanitarja ma tistax tiddispensa minn ċerti preskrizzjonijiet tal-liġi ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi espressament tawtorizzaha li tiddispensa; għax altrimenti ma tistax. Lanqas tista' tiġi nvokata, f'każ simili, il-preskrizzjoni tal-azzjoni biż-żmien li jkun għadda; għax il-vjolazzjoni tikkostitwixxi reat kontinwat.*

Il-Qorti—Rat is-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 1955, riportata in kopja fol. 22 ta' l-inkartament, li fiha hemm is-solitu riassunt, u li biha ġiet eskluża l-ewwel imputazzjoni;

Rat is-sentenza l-oħra tagħha tas-16 ta' April 1955, riportata fol. 27;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni imputazzjoni;

Din tikkonsisti fl-addebitu li l-imputat żamm il-"water closets" ta' din id-dar Nru. 51 imniffdin dritt ma' kamra;

Jirriżulta mill-provi li din id-dar ġiet konvertita fi flats, u kienet lesta, bħala tali, fl-1933 (ara pjanta u dokumenti li jakkompanjawha fol. 6, u ara xhieda tal-Kurunell Arrigo);

F'dik l-epoka kien hemm ir-regolament Nru. 6, Notif. tal-Gvern 344 ta' l-1924, li kien jippreskrivi, bħal ma ppreskriviet il-liġi sussegwenti u attwali, Notifikazzjoni tal-Gvern 110 ta' l-1934, li ebda "water closet" ma għandu jkun in kommunikazzjoni diretta ma' kamra, jew kċina, iżda għandu jkun separat mill-kamra jew kċina b'ambjent sufficjentement ventilat. Id-differenza li hemm ma hix sostanzjali; għaliex, mentri fil-liġi ta' qabel kien jingħad "kamra jew kċina", f'dik attwali jingħad "any room";

Issa, hu fatt li għar-rigward ta' din id-dar, konvertita fi flats, hemm "water closet" fil-flat No. 2, li qiegħed f'kommunikazzjoni diretta ma' kamra (attwalment kamra tal-pranzu), u fil-flat Nru. 3 hemm ukoll "water closet" li qiegħed f'kommunikazzjoni diretta ma' kamra (attwalment kamra tas-sodda);

Id-difiża (ara kontestazzjoni tagħha verbalizzata fol. 35) qalet li hemm f'dawn il-"water closets" spazju suffiċ-

jentement ventilat. Id-difiża, però, kienet qegħedha evidentement tirriferixxi għat-tieqa kbira li hemm fil-kamra stess tal-"water closet" (ara xhieda Spett. Sanitarju Spiteri). Dan ir-riljev, però, ma jistax jinfluwixxi fuq il-każ; għax it-tieqa tirrispondi għal eżiġenza oħra, diversa, tal-iġjene sanitarja, illi ċjoè, tkun ventilata l-"istess" kamra li fiha jkun hemm il-"water closet", mentri r-regolament li jinteressa dan il-każ hu dak li jippreskrivi li bejn il-kamra tal-"water closet" stess, avvolja debitament ventilata, ikun hemm ambjent ieħor separat biex jifred il-kamra tal-"water closet" mill-"living room";

Issemma fil-motivi ta' doljanza, verbalizzati fol. 35, li dan l-istat ta' fatt ilu jeżisti tnejn u għoxrin sena, u li għalhekk għandu jiġi preżunt li dan l-istat kien ġie awtorizzat mill-Awtorità Sanitarja;

Issa, ma jistax ma jingħadx li hemm element stran f'din il-kawża, li jagħti l-impressjoni li baqa' xi fatt li ma ġiex skjarit. Fl-1933, il-Perit Godwin Galizia, b'inkariku tas-sid Kurunell Arrigo, ippreżenta pjanta lis-Superintendent tas-Saħħa Publika, biex jagħmel alterazzjonijiet strutturali fid-dar "de qua" (ara pjanta fil-busta fol. 6) — pjanta li jirriżulta li ġiet approvata. Skond din il-pjanta, kien, "inter alia", sejjer jinqasam f'żewġ ambjenti l-ispazju attwali tal-"water closets" biex jifforma ruħu ambjent bejn il-"water closet" u l-"living room"; it-tieqa tal-"water closet", peress li hi wiesgħa ħafna, setgħet tinqasam fi tnejn; ċjatatti hi wiesgħa sitt piedi u nofs;

Hu kurjus li dan ix-xogħol ta' kreazzjoni ta' ambjent separat ma sarx, avvolja sar ix-xogħol l-ieħor, saru l-"water closets" fl-istat irregolari li fih jinsabu l-lum, u d-dar ġiet konvertita fi flats. Non ostante l-prattika rikonoxxuta li l-ispettur sanitarju, wara li jitlesta x-xogħol, soltu jaraħ biex jivverifika jekk kollox sarx sewwa, ebda pass ma ttieħed minn dak iż-żmien, ċjoè għal tnejn u għoxrin sena sal-lum. Inoltre, minn dak iż-żmien l-hawn, peress li saru xi rapporti lis-Sanità fuq ħwejjeġ oħra, kien hemm okkazjonijiet numerużi, kif xehed l-appellant, li fihom kien hemm l-opportunità għas-sanitarji li jaraw din il-formazzjoni irregolari tal-"water closets". Intant, sa qabel din il-kawża,

ghall 22 sena, ma sar xejn. Minn dan il-fatt, innegabbilment stran, *id-difiża riedet tinduċi t-tolleranza ta' l-Awtorità* Sanitarja: anzi fl-argumenti d-difiża ssottomettiet li bilfors kien hemm il-permess ta' l-Awtorità Sanitarja li l-"water closets" jibqghu hekk. Inġieb anki, mid-difiża, biex jiġi sostnut dan l-assunt, ix-xhud Hector Miller, ġa spettur sanitariu; ix-xhieda, però, ta' dan ix-xhud tirriferixxi mhux ghall-"water closets" ta' din id-dar No. 51, konvertita f'appartamenti, imma ghas-separazzjoni tad-"drainage" ta' din id-dar mid-djar attigwi Nru. 50 u 52. Id-difiża nsistiet ukoll *ghall-produzzjoni tal-"building registers"; imma ntqal li* dawn ma ġewx misjuba, ghad li ġie pruvat li kienu jeżistu fl-epoka rilevanti ghall-każ. Mhux faċili jiftiehem il-ghaliex ma nstabux. Hemm stran, ukoll, li l-pjanta u d-dokumenti ta' maghha, eżibiti bl. 6, ġew mehuda minn "file", li però ma ġietx prodotta; u l-Qorti ma tistax, skond il-liġi, tordna l-produzzjoni ta' "file" uffiċjali. Inghad mix-xhud tad-Dipartiment li ma hemm xejn f'dan il-"file" li jista' jixhet dawl fuq il-kwistjoni; iżda, forsi, kien desiderabbli li, stante x-xorta *tal-kontestazzjoni f'din il-kawża, dan il-"file" jiġi* prodott;

Komunkwe, u b'dan kollu, fl-istat ta' l-attijiet, u "juxta alligata et probata", ma jistax jinghad li ġie pruvat li kien hemm xi permess speċjali ta' l-Awtorità Sanitarja li l-"water closets" ma jkunux skond ir-regola; apparti li l-Awtorità Sanitarja tista' tiddispensa minn ċerti preskrizzjonijiet tal-liġi biss fil-każijiet li fihom il-liġi espressament tawtorizzaha li tiddispensa; altrimenti ma tistax. L-anqas hemm *fil-każ preżenti xi preskrizzjoni ta' l-azzjoni biż-*żmien li ghadda; ghax il-vjolazzjoni tikkostitwixxi reat kontinwat;

Ghalhekk is-sentenza appellata hi sewwa ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni;

In vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti jidhrilha li ż-żmien ta' xahrejn stabbilit mill-Ewwel Qorti ghandu jkun itwal;

Ghalhekk tiddeċidi l-bqija ta' l-appell fis-sens li tiċhad

l-appell għar-rigward tat-tieni imputazzjoni, u tikkonferma dwarha s-sentenza appellata. Iż-żmien ikun ta' tliet xhur mil-lum.